**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni Nru. 574/2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Godwin Scerri**

**vs**

**Matthew Portelli**

**Carmel Hartley**

**Illum, 24 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Matthew Portelli detentur tal-karta' tal-identità bin-numru 398186M, u Carmel Hartley detentur tal-karta tal-identità bin-numru 346071M, li permezz taghhom gew akkuzati talli:

*"1. Talli fid-29 ta' Awwissu 2018 ghall-habta ta' 04:00hrs gewwa Triq it-Turisti f'San Pawl il-Bahar ittantaw li jisirqu Automated Teller Machine*

*(ATM) ghad-dannu tal-kumpanija bl-isem ta' Euronet u/jew entitajiet u/jew persuna/I ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta taghhom liema attentat huwa aggravate bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u bil-hin: Art 41 (1) (a), 261 (b) (c) (f), 263 (a), 267, 270, Kap 9*

*2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara f'Automated Teller Machine (ATM) liema hsara hija ta' aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghad-detriment tal-kumpanija Euronet u/jew entitajiet u/jew persuna/i ohra; Art 325 (1) (b) Kap 9*

*3. Talli fl-10 ta' Awwissu 2018 gewwa Triq San Geraldu f'San Pawl il-Bahar ittantaw li jisirqu Automated Teller Machine (ATM) ghad-dannut tal-kumpanija bl-isem ta' Euronet u/jew entitajiet u/jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta taghhom liema attentat huwa aggravt bil-mezz, bl-ammont li jecceedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebghja u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u bil-hin: Art 41 (1)(a) 261 (b)(c)(f), 263(a), 267, 270, Kap 9.*

*4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara f'Automated Teller Machine (ATM) liema hsara hija ta' aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250) u dan ghad-detriment tal-kumpanija Euronet u/jew entitajiet u/jew persuna/i ohra; Art 325 (1)(b) Kap 9*

*5. F'dawn l-ahhar gimghat gewwa San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' numri tar-registrazzjoni TAZ199 liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Charles Oweh u/jew persuna/i ohra; Art 261(b)(g), 263(a), 271(g), Kap 9*

*6. U aktar tall f'Awwissu 2018 gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Suzuki bin-numri tar-registrazzjoni CAB 736 fit-triq kemm il-darba ghall-uzu ta' din il-vettura*

*minnkom, ma kinitx fis-sehh b'polza ta' assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi. Artikoli 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*7. U aktar tall f'Awwissu 2018 gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Suzuki bin-numri tar-registrazzjoni CAB736 liema vettura ma kelliex licenzja ta' cirkolazzjoni valida. Arikoli 15(1), (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*8. U aktar tall f'Awwissu 2018 gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Suzuki bin-numri tar-registrazzjoni CAB736 minghajr numri tar-registrazzjoni mwahhla mal-vettura. Artikoli 15(1),(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta*

*9. U aktar talli f'dawn l-ahhar gimghat xjentement f'Malta laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa u cioe numri tar-registrazzjoni TAZ199, li il-valur taghhom ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disghin centezmu (€232.90) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibiughu jew imexxu dawn l-oggetti. Arikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqhom b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Magistrat Dr. J. Mifsud LLD datata 19 ta' Lulju 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel: Artikoli 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta*

*11. Finalment, nakkuzawhom ukoll, talli rrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront taghhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma sjitghux jinbidlu.*

*Lil **Matthew Portelli** wahdu nakkuzawh ukoll talli:*

*12. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) Magistrat*

*Dr. Anthony J. Vella LLD fid-digriet tieghu ta' 11 ta' Ottubru 2012 li bih ta' il-helsien mill-arrest taht depositu ta' 1,000 Euro u Garanzija Personali ta' 5,000 Euro.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota rispettiva tieghu, u cioè l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 41(1)(a), 261(b) (c) (f) (g), 263 (a), 267, 270, 271 (g), 325(1)(b), 334, 383,532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li din il-kawza titkompla tinstema' bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Provi prodotti**

**L-Ispettur Josef Gauci** xehed li huwa kien ipprezenta rikors biex jinhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Matthew Portelli. Dan il-mandat gie esegwit fit-2 ta' Settembru 2018, fejn wara li saret tfittxija, ma nstab xejn hazin fir-residenza tieghu. Spjega li meta nizlu fil-garaxx, kien hemm karozza bajda, Honda, bla pjanci, u lanqas licenzja tonda fuq il-*windscreen*. Spjega li mal-hajt fuq in-naha tal-lemin, kien hemm vettura mghottija b'bicca carruta, u tahtha kien hemm vann ahmar. Kompla jghid li dan il-vann ma kellux pjanci, u kellu zewg balaklavi go fih. Spjega li s-*seats* kienu maqlugha, u kienu f'dghajsa li kien hemm fuq wara tal-vann. Spjega li flok *is-seats,* kien hemm cineg u ktajjen. Spjega li nstabu wkoll zewg pjanci, li wara rrizultaw li kienu misruqin. Spjega li huwa nforma b'dan kollu lill-Ispettur Godwin Scerri, peress li gieh suspett li dan il-vann intuza fis-serqa tal-ATM, li kienet sehhet fl-istess gimgha. Spjega li huwa kien talab li jinhareg mandat ta' arrest u tfittxija fir-rigward ta' Matthew Portelli, peress li rcieva nformazzjoni li Portelli kellu xi affarijiet misruqa, konsistenti f'*solar panels*.

**L-ispettur Godwin Scerri** spjega li fid-29 ta' Awwissu 2018, gie nfurmat ghal habta tal-hamsa ta' filghodu, li xi persuni kienu ppruvaw jisirqu ATM *machine* sitwata fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar. Spjega li meta mar fuq il-post, sab l-ATM *machine,* proprjetà tal-kumpanija Euronet, maqluba wiccha mal-art. Spjega li din kellha diversi hsarat. Min ipprova jisraqha, ma kienx irnexxielu jghabbi din l-ATM *machine*. Spjega li huwa gabar kopja tal-filmati mis-sistema ta' CCTV tal-*Convenience Shop*. Spjega li mill-filmati, jidher li ghal habta tal-erbgha ta' filghodu, zewg persuni b'vann zghir ahmar, irriversjaw gol-parapett tal-*Convenience Shop*, dawru cinga mal-ATM *machine* u ppruvaw jigbdu l-ATM *machine* ghal go dan il-vann. Spjega li kien jidher li dan ma rnexxiex, ghax l-ATM kienet tqila biex titghabba gol-vann. Spjega li mat-tielet tentattiv, harget persuna ohra, li flimkien mal-ewwel persuna, ippruvaw jalzaw din il-magna ghal gol-vann. Spjega li wara r-raba' jew il-hames tentattiv, dawn qabdu u telqu, u cioè, bil-magna tithalla maqluba.

Spjega li kienet infethet inkjesta magisterjali mill-Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Gabriella Vella. Spjega li l-vann kien bla pjanci ta' registrazzjoni. Spjega li l-ucuh tal-persuni, ma kienx jidher ghaliex intuzat balaklava, u kellhom rashom mghottija. Spjega li mbaghad, fit-2 ta' Settembru 2018, ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, l-Ispettur Josef Gauci nfurmah li waqt li kien qed jezegwixxi mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Matthew Portelli, instab vann ahmar li jixbah lil vann li kien jidher fil-filmat ta' CCTV. Spjega li meta mar fil-garaxx in kwistjoni, huwa nnota vettura bajda tal-ghamla Honda, li kienet ta' Charlie Hartley u l-vann ahmar. Spjega li fil-vann, kien hemm ktajjen twal imwahhla mac-*chassis,* u craret simili ghal

dawk li jidhru fil-filmat ta' CCTV. Spjega li dak il-hin, kien hemm prezenti Matthew Portelli.

Kompla jixhed li fil-garaxx, instabu sett ta' pjanci tal-vettura TAZ 199, li kienet insterqet minn Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, peress li kien sar rapport fl-1 ta' Settembru 2018. Spjega li huwa nforma lil Portelli, li l-vann ser jigi elevat, u spjegalu r-raguni ghalfejn. Spjega li fil-vann, instabu zewg balaklavi. Spjega li huwa eleva il-vann ahmar *Suzuki Carry*, zewg balaklavi, gakketta bajda tal-ghamla Givova, li fil-filmat jidher li seta' kien qed jaghmel uzu minnha wahda mill-persuni, katina, l-istrap, ic-cinturin u n-*number plate*. Spjega li huwa hareg ircevuta li giet iffirmata minn Matthew Portelli. Spjega li huwa ha wkoll ritratti waqt din it-tfittxija, li wkoll gew ezebiti minnu, flimkien mal-filmat ta' CCTV. Spjega li huwa kien informa b'dan kollu lill-Ispettur Fabian Fleri, peress li min-naha tac-CID, kienu nbdew xi investigazzjonijiet.

Spjega li fit-3 ta' Settembru, flimkien mal-Ispettur Fleri, investigaw lil Matthew Portelli, u ttehditlu stqarrija permezz tal-*video,* fejn Portelli ammetta l-involviment tieghu, li kien hu l-ewwel persuna li kien hareg mill-vann u pprova jghabbi l-ATM gewwa. Spjega li Portelli kkonferma li kien qed jaghmel uzu minn balaklava, ikkonferma wkoll li l-istraps u l-ktajjen li kien hemm marbuta gol-vann, gew marbuta specifikament biex isiru bicciet tax-xoghol bhal din. Spjega li gie mitkellem Charles Hartley. Spjega li sussegwentement, gew elevanti iktar hwejjeg li ntuzaw fl-attentat ta' serqa, fosthom zarbun ta' kulur iswed li ntuza minn Hartley, u kif ukoll qalziet ta' tracksuiy blu skur. Spjega li qabel kull stqarrija, l-imputati nghataw id-dritt li jikkonsultaw mal-avukat, izda entrambi rrifjutaw li jikkonsultaw ma' avukat.

**L-Ispettur Fabian Fleri** kkonferma x-xhieda tal-Ispettur Godwin Scerri, u spjega li fit-3 ta' Settembru 2018, kellem lil Matthew Portelli, u nfurmah bid-drittijiet kollha tieghu, izda dan irrifjuta li jkellem avukat, jew li jkollu avukat prezenti. Spjega li dan ammetta l-involviment tieghu f' dan l-attentat ta' serqa, u qal li fil-filmat, huwa l-persuna liebsa l-gakketta l-bajda. Spjega li ghalhekk, huwa identifika lilu nnifsu bhala l-persuna li dawrret ic-cinturin mal-ATM. Spjega li l-gakketta l-bajda li giet elevata mill-garaxx tieghu, mhijiex l-istess wahda li kien liebes dakinhar, peress li l-gakketta u z-zarbun li ntuzaw, kien ramihom. Spjega li l-vann kien xtrah xahrejn qabel minghand persuna mill-Imsida bhala *scrap*. Spjega li huwa ried jiehu l-magna biex jarmaha fuq id-dghajsa. Spjega li Portelli qalilhom li meta xtara l-vann, il-magna ma kinitx tistartja. Spjega li Portelli kkonferma li kien sewwa l-magna.

Kompla jghid li l-karozza l-ohra fil-garaxx, hija ta' Carmel Harltey. Spjega li Portelli nfurmahom li huwa kien prezenti meta nsterqu l-pjanci TAZ 199 minn vettura Skoda Felicia, ipparkjata go ghalqa vicin Triq il-Port Ruman. Spjega li Portelli sostna li din il-vettura kient tidher abbandunata.

Spjega li huwa kellu suspett f'Hartley, u wara li dan nghata d-drittijiet tieghu, fejn ghazel li jirrifjutahom, Hartley irrilaxxa stqarrija, fejn ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa, u qal li huwa kien qed isuq il-vann, u li huwa l-persuna li deher fil-filmat. Spjega li x'aktarx il-hwejjeg li kien liebes, kienu ghadhom fil-garaxx. Spjega li Spettur Scerri kien rega' mar fil-garaxx, u nstabu l-qalziet u z-zarbun. Spjega li fl-istqarrija, Hartely ghamel referenza ghal tentattiv ta' serq ta' ATM ohra, gewwa Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar, li ppruvaw jehduha bl-istess mod. Spjega li l-ewwel kien qatghalha l-wire b'mannara, u mbaghad ippruvaw jgholluha. Spjega li rnexxilhom jaqilugha minn fuq il-post b'karru tal-merkanzija, izda ma rnexxilhomx iwassluha sal-vann. Spjega li wara kuntatt li sar mas-sidien tal-ATM, u cioè mal-Euronet, irrizulta li fl-10 ta' Awwissu, kien hemm tentattiv ta' serq ta' dik l-ATM. Spjega li Hartley ikkonferma, li flimkien ma' Matthew Portelli, kienu serqu pjanci ta' TAZ 199.

Ikkonferma li entrambi l-imputati tressqu b'arrest quddiem il-Magistrat tal-Ghassa Aaron Bugeja. Huwa ezebixxa CD bl-*audiovisual statements* moghtija, kif ukoll dikjarazzjonijiet ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali. Ezebixxa wkoll l-okkorrenza tar-rapport li sar rigward l-attentat ta' serqa tal-ATM minn Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar fl-10 ta' Awwissu 2018. Ezebixxa wkoll Rapport tal-Puliizja dwar serqa ta' pjanci TAZ 199 fl-1 ta' Settembru 2018.

**Silvio Prodan** spjega li huwa jahdem mal-Euronet. Spjega li fid-29 ta' Awwissu 2018, huwa gie nfurmat minn kollega b'messagg, li kien sar attentat ta' serq minn go ATM. Spjega li din kienet sitwata fil-*Convenience Shop* fil-Qawra. Spjega li l-ATM kienet maqluba mal-art. Spjega li saret hsara lill-ATM, kif ukoll spjega li l-ammont fl-ATM kien ta' madwar €19,000. Spjega li huwa jista' jiccekja mis-sistema kemm kien hemm flus fl-ATM. Ikkonferma li dakinhar li mar fuq il-post, kien hemm prezenti, il-Pulizija u esperti mahtura fl-inkjesta li nfethet. Spjega li huwa già ghadda l-informazzjoni lil dawn l-esperti dwar kemm kien hemm flus go l-ATM. Spjega li l-ATM kellha terga' titwahhal. Kellha tigi merfugha b'apparat apposta. Spjega li sabiex l-ATM giet pogguta f'postha, u l-hsarat li kellha gew imsewwija, l-ispiza qamet tiswa €1,982.08. Ezebixxa l-inkartament relattiv dwar dan il-kwantum ta' spejjez.

Spjega li fl-10 ta' Awwissu, huwa gie nfurmat li l-ATM kienet giet imcaqilqa minn postha, u li l-*power cord* kien maqutgh. Spjega li kellu jsir xi xoghol fuqha. Sussegwentement, fit-13 ta' Awwissu, rega' kien hemm tentattiv iehor, fejn il-*power cord* kien maqtugh. Spjega li sabiex giet imsewwija din il-hsara, thallset is-somma ta' €566.04c. Spjega li f'din l-ATM, kien hemm €37,440.

**Anthony Joseph Muscat** spjega li huwa jahdem ma' Euronet. Spjega li sehhew zewg incidenti, fl-10 u fit-13 ta' Awwissu, f'ATM sitwata f'Federica Kiosk f'San Pawl il-Bahar. Spjega li gie kkuntatjat mis-sid tal-kiosk, li nfurmah li kien sab l-ATM mcaqilqa, u li l-cable kien maqtugh, kif ukoll li kien hemm indikazzjoni li kienet iddawret xi haga madwar l-ATM. Spjega li l-Pulizija gew ikkuntatjati. Qal li ddecidew li jitnehhew il-flus minn go fiha. Imbaghad gew inkarigati haddiema biex jaghmlu dak necessarju biex l-ATM terga' titwahhal, u sussegwentement, regghu tpoggew il-flus fiha. Spjega li fit-13 ta' Awwissu, huwa nnota li l-ATM kienet offline, u ghalhekk huwa mar fuq il-post, u jsib li l-cable kien inqata', kif ukoll li giet imcaqilqa ftit centimetri biss, peress li din kienet giet marbuta b'mod iktar sod mill-haddiema, fl-10 ta' Awwissu. Spjega li rega' sar xi xoghol fuqha, u din regghet bdiet tahdem. Ikkonferma li fl-ATM, kien hemm €37,040.

Spjega li sehh incident iehor meta huwa kien imsiefer, u spjega li l-alarm tal-ATM fil-*Convenience Shop,* kien gie attivat fil-hin. Spjega li fil-kaz l-iehor, l-alarm ma kienx gie attivat, ghax l-ATM ma tantx kienet giet imcaqilqa.

**PS 419 Anton Buttigieg** spjega li fid-29 ta' Awwissu 2018, huwa gie nfrumat li Group 4 Security kellhom bzonn l-assistenza fejn il-*Convenience Shop,* ghaliex kienet instabet ATM maqluba. Spjega li huwa sab lil Norbert Ellul fuq il-post, fejn dan spjegalu li fl-erbgha u seba' minuti, kienet daqqet l-alarm fil-*Control Room* taghhom, u huwa kien mar fuq il-post minflok ma' cempel lill-Pulizija. Spjega li f'xi sitta ta' filghodu, gie l-Manager tal-*Convenience Shop* li urih il-filmat ta' CCTV, fejn jidher li fl-erbgha neqsin seba' minuti, gie vann zghir ahmar, irriversja ghal gol-parapett, hareg persuna li avvicinat lil ATM, u mbaghad rega' dahal fil-vann. Spjega li mbaghad, il-vann irritorna fl-erbgha neqsin minuta, fejn saret l-istess manuvra. Spjega li l-persuna tidher din id-darba, b'cinga f'idejha li ddawret ma' l-ATM. Spjega li x-xufier beda jsuq, u rnexxilhom jaqilbu l-ATM. Spjega li x-xufier nizel u ppruvaw jghabbu l-ATM, izda minhabba t-toqol tal-ATM, dan ma rnexxiex. Spjega li finalment, mill-filmat jidher li dawn qatghu qalbhom, u telqu. Spjega li huwa nforma b'kollox lill-Ispettur, u nfethet inkjesta.

Spjega li huwa ra l-filmat gewwa l-*Convenience Shop*. Spjega li jidhru zewg persuni. Wiehed hareg minn wara tal-vann u kien liebes qalziet skur, hoodie bajdani bi strixxi suwed fuq il-kmiem, u kellu wiccu mghotti. Spjega li x-xufier kien liebes hoodie skur, qalziet skur, maskra u ingwanti. Spjega li l-ATM, irnexxielhom jaqilghuha mill-boltijiet li kellha mal-art.

**Norbert Ellul** spjega li huwa jahdem mal-Group 4 Night Patrol, u kien qieghed fuq ir-ronda. Spjega li f'xi l-erbgha u nofs, cemplulu mill-*Control Room*, li kien hemm alarm fuq ATM tal-*Convenience Shop* f'Bugibba. Meta mar fuq il-post, huwa ra l-ATM imwaqqa' mal-art. Kienet qieghda wiccha 'l isfel. Spjega li huwa kien wahdu u cempel lill-Pulizija. Spjega li huwa ma messx l-ATM.

**WPS Gabrielle Gatt** xehdet li fl-10 ta' Awwissu, fis-sebgha ta' filghodu dahal rapport li fi Triq San Geraldu, kien hemm ATM, li x'aktarx kienu ppruvaw jisirquha. Spjegat li marret fuq il-post u tkellmet mas-Sur Anthony Joseph Muscat, li stqarr li min jikri din l-ATM, kien infurmah li din instabet maqlugha mill-boltijiet u mcaqalqa. Spjega li hija osservat dan kollu. Spjegat li gie mitkellem Prodan Silvio, li nfurmahom li ma kinux ittiehdu flus mill-ATM.

Spjegat li fit-2 ta' Settembru, hija kienet xoghol, meta marret f'garaxx ta' Matthew Portelli, minhabba mandat li nhareg. Spjegat li fil-garaxx, kien hemm dghajsa fuq wara, karozza, vann zghir ahmar mghotti. Spjegat li l-vann kien Suzuki ahmar. Spjegat li osservat zewg balaklavi, wahda sewda u wahda blu tal-Paw Patrol. Taht is-seats, kien hemm katina marbuta. Ikkonfermat li lanqas kien hemm seats fuq in-naha ta' wara tal-vann. Spjegat li ssuspettat li dan il-vann kien intuza f'attentat ta' serqa ta' ATM mill-*Convenience Shop*. Spjegat li fejn il-vann, kien hemm tliet *garbage bags* mimlija hwejjeg. Spjegat li Portelli qalilhom li jhalli l-hwejjeg hemm minhabba tar-*Relief*, biex ikollu x'juri li jabita hemm. Spjegat li Portelli kien qalilhom li l-vann kien xtrah minghand wiehed minn Birkirkara. Spjegat li kienu nstabu xi *number plates* ukoll.

**PC 813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista** xehdu li huma gew mahtura bhala esperti fl-inkjesta magisterjali. Spjega li kienu hadu ammont ta' ritratti. Spjegaw li ghamlu xi ezamijiet ghall-marki ta' swaba', izda ma rrizulta xejn. Il-materjal ma kienx tajjeb bizzejjed sabiex jigu mtella' xi tip ta' impronti digitali.

**PS186 Christian Mintoff u PC 844 Carl Micallef** xehdu li huma ghamlu ezamijiet fuq vettura tal-ghamla Suzuki, u fuq xi oggetti ohra li kien hemm f'garaxx numru 35, Spiteri Court, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar. Spjegaw li ttiehdu 39 ritratti bil-kulur, u zewg lifters li ttellghu minn fuq il-hgiega ta' wara tal-vettura Suzuki.

**Il-Perit Richard Aquilina** pprezenta u kkonferma bil-gurament tieghu, ir-rapport ippreparat minnu, fejn ikkonkluda li l-van kien zghir, u ma jiflahx piz tant kbir bhal tal-ATM. Ikkonkluda li kien evidenti li l-ankragg tal-ATM mal-art, kien dghajjef.

**Donald Tabone** ipprezenta u kkonferma bil-gurament tieghu, rapport tieghu flimkien mal-filmat ta' CCTV u diversi stills.

**Jean Paul Cauchi** spjega li huwa Manager tal-*Convenience Shop* Qawra, fi Triq it-Turisti. Spjega li fid-29 ta' Awwissu, mar ghax-xoghol fil-hamsa u nofs ta' filghodu, u jsib il-Pulizija fil-parapett. Spjega li huwa nnota l-ATM mal-art. Huwa fetah il-hanut u raw il-filmat tal-*cameras*. Spjega li l-ATM, solitament tkun mal-hajt. L-ATM kienet wiccha mal-art. Spjega li mill-filmat, jidhru zewg persuni, li l-ewwel ippruvaw jaraw jekk jghaddux bil-vann, ghax kien hemm karozza ohra. Spjega li mbaghad, regghu daru mal-blokk, u wara ftit regghu gew u rabtu l-ATM b'habel, filwaqt li ppruvaw jigbduha. Spjega li l-vann jista' jkun li kien Maruti. Spjega li l-persuni ppruvaw iqanqdlu l-vann, izda ma rnexxilhomx. Spjega li l-ATM hija proprjetà ta' xi persuna bl-isem ta' Tony.

Spjega li fejn il-parapett, hemm xi garaxxijiet, u meta l-ATM waqghet, giet ikkagunata tisbita li kisret il-madum. Spjega li qed jidhol l-ilma bejn il-madum u ghalhekk, il-garaxxijiet ta' taht qed jipperkola l-ilma. Spjega li hemm madum li nkiser u iehor li nqala'. Ikkonferma li l-hsara hemm ghadha.

**Dr Marisa Cassar** ipprezentat rapport taghha, li kkonfermatu bil-gurament taghha.

**Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta spjega li l-vettura Suzuki Supercarry, kulur ahmar, bir-registrazzjoni CAB 736, hija rregistrata f'isem John Grima, sa mit-12 ta' Frar 2014. Spjega li l-vettura TAZ 199, hija tal-ghamla Skoda

Felicia silver, irregistrata fuq Charles Oweh. Din ilha rregistrata mit-12 ta' Dicembru 2012, u giet skreppjata fis-6 ta' Settembru 2018.

**Charles Oweh** spjega li huwa pparkja il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni TAZ 199, u xhin mar ghaliha bit-towing van, sab li l-pjanci ta' registrazzjoni kienu nieqsa. Spjega li huwa mar ghamel rapport l-Ghassa dwar dan. Ikkonferma li l-vettura tieghu hija Skoda Felicia. Spjega li l-vettura kienet ipparkjata qrib il-Qawra, u huwa kien ghamel ir-rapport fl-1 ta' Settembru 2018.

**Sarah Bezzina,** Ufficjal tal-Probation & Parole, ipprezentat Social Inquiry Report li ghamlet fir-rigward ta' Carmel Hartley. Spjegat li Hartley kellu xi kazijiet kriminali bejn 1993 u 2002, dwar kwistjonijiet tat-traffiku. Spjegat li mill-2006 sal-2012, kellu madwar sitt kazijiet relatati ma' serq. Qalet li Hartley ghandu relazzjoni tajba ma' ommu. Spjegat li l-imputat Hartley, ghandu wkoll ulied. Spjegat li fuq uzu ta' sustanzi, Hartley kien qal li ma ghadux jiehu, u mill-kampjuni tal-urina, dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Spjegat li bhala xoghol, Hartley jahdem bhala maintenance. Spjegat li bhala pjan ta' kura, l-imputat ghandu jibqa' jimpenja ruhu iktar ghax-xoghol, halli jzomm 'il boghod mill-hajja ta' kriminalità.

**Joanna Farrugia,** Ufficjal tal-Probation & Parole, ipprezentat Social Inquiry Report fil-konfront ta' Matthew Portelli, fejn spjegat li ilha ssegwih mill-2013. Spjegat li fl-2016, Portelli kien ha Ordni ta' Probation u Servizz. Il-fedina penali tieghu hija refrattarja. Bejn l-2005 u l-2007, huwa kellu hafna kazijiet, izda dak iz-zmien kien ghadu zghir, u kien dejjem mal-istess kumpanija. Spjegat li kien anke spicca l-habs. Spjegat li maz-zmien, huwa mmatura u qieghed f'relazzjoni serja, li minnha ghandu tifel, u l-partner tieghu ghandha tlett itfal li qed irabbihom hu wkoll. Spjegat li huwa ragel tal-familja, u ghandu xoghol stabbli. Spjegat li huwa importanti li Portelli jzomm din l-istabbilità. Spjegat li fis-6 ta' Jannar, inghata Probation Order ohra ta' tliet snin, u qed issegwih hi stess. Spjegat li bhala testijiet tal-urina, dejjem kienu *clean.*

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-**ewwel imputazzjoni,** din il-Qorti hija tal-fehma li din irrizultat ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Entrambi l-imputati rrilaxxjaw stqarrija separata, fejn entrambi kkonfermaw l-involviment taghhom f'dan l-attentat ta' serq

li sehh gewwa Triq it-Turisti f' San Pawl il-Bahar, fejn hemm il-*Convenience Shop*. Gie pprezentat ukoll filmat mic-CCTV tal-*Convenience Shop*. Id-dettalji li taw entrambi l-imputati, jikkombacu ma' dak li jidher fil-filmat. L-Ufficjali tal-Pulizija anke wrew l-ilbies li kien liebes Hartley dakinhar tal-attentat serq, liema lbies gie kkonfermat minn Hartley stess li ntuza f'dan l-attentat. Gie misjub u elevat mill-garaxx fil-pussess ta' Matthew Portelli, il-vann ahmar li jidher fil-filmat. Irrizulta li waqt l-istqarrija rilaxxjata minnhom, entrambi l-imputati kkonfermaw li dan kien il-vann li proprju kien intuza f' dan l-attentat ta' serq. Instabu wkoll il-balaklavi li kienu lebsin il-persuni li jidhru fil-filmat ezebit fl-atti ta' din il-kawza. In oltre, l-istess imputati kkonfermaw li l-balaklava li kienet ta' kulur iswed u griz, kienet milbusa minn Hartley, mentri l-ohra kienet milbusa minn Portelli.

Nonostante li l-imputati ma jaqblux bejniethom dwar min hareg bl-idea li ssir din is-serqa, jirrizulta izda, li mill-provi prodotti, din l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament ippruvata. Kif già nghadd, flimkien mal-istqarrija tal-imputati, il-filmat ukoll jaghti prova konkreta ohra dwar id-dinamika ta' dan l-attentat. In oltre, fl-ebda hin ma gie nnegat minn xi wiehed mill-imputati, li ma kinux involuti f'dan l-attentat ta' serq.

In oltre, gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, illi dan l-attentat ta' serq kien aggravat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi €2,329.37c, kif ukoll bil-hin. Dwar l-aggravvju tal-hin u tal-mezz, din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija, kemm mix-xhud **Silvio Prodan,** kif ukoll mill-filmat ezebit mic-CCTV tal-*Convenience Shop*. Issir referenza wkoll ghall-istqarrijiet rilaxxati minn entrambi l-imputati. Dwar l-aggravvju tal-valur, mix-xhieda ta' Silvio Prodan, kif ukoll mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, jirrizulta li kien hemm €19,700 fi flus f'din l-ATM.

Dwar it-**tieni imputazzjoni**, u cioè dik ta' hsara volontarja, din il-Qorti tqies li dan ir-reat serva bhala mezz ai fini tar-reat tas-serq jew tat-tentattiv tieghu. Ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt li ser issib htija f'din l-imputazzjoni, sejra tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9, u ghalhekk sejra taghti l-piena ghar-reat tat-tentattiv tas-serq biss. Irrizulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, li l-hsara fuq l-ATM giet tammonta ghal €1,982.08. Gew ipprezentati d-dokumenti relattivi, li gew ukoll ikkonfermati bil-gurament mill-istess xhud. Dawn l-ispejjez ghandhom jigu mhallsa minn entrambi l-imputati.

Dwar **it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet,** dawn jikkoncernaw attentat ta' serq ta' ATM ohra fi Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar, u hsara volontarja fl-istess ATM. Dwar dan l-attentat ta' serq, ma gie ezebit l-ebda filmat. Lanqas ma nfethet inkjesta bhalma gara fl-attentat ta' serq l-iehor appena riferit. Il-Prosekuzzjoni tistrieh fuq l-istqarrija ta' Carmel Hartley, li skont hu, xi gimghat qabel, kienu marru bl-istess vann ahmar fejn ATM ohra li hemm gewwa San Pawl il-Bahar, fejn hemm gabbana u xi haga tal-waterpolo. Hartley ma ndikax bi precizjoni fejn kienet din l-ATM. Hartley sostna li dakinhar, kien qed isuq Portelli, u li huwa kien qata' l-wire ta' din l-ATM b'mannara, bil-konsegwenza li taret *spark* ghalih. Spjega li ma jiftakarx id-data meta allegatament sehh dan, u li kien madwar il-hamsa u nofs jew is-sitta neqsin kwart ta' filghodu. Hartley sostna li l-ghada, din l-ATM kienet regghet tiffunzjona, izda l-antentat ta' serq ma rnexxiex.

Mill-banda l-ohra, Matthew Portelli waqt l-istqarrija, cahad li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn ittentaw jisirqu xi ATM ohra. Semma li kienu ser jippruvaw jisirqu magna tas-sigaretti, minn x'imkien fejn Ta' Fra Ben, izda ma kienu ghamlu xejn minhabba li kien hemm il-*watchman*.

Il-Qorti tqies, li meta tqis dan kollu, ma tasalx ghal dik il-konvinzjoni rekwizita, li l-Prosekuzzjoni rnexxielhom jippruvaw din it-tielet u r-raba' imputazzjoni. In fatti, ix-xhieda tas-sidien ta-ATM in kwistjoni, indikaw li kienu sehhew zewg istanzi fejn din l-ATM instabet li ntmesset minn postha, precizament fl-10 u fit-13 ta' Awwissu 2018. Madanakollu, din is-sekwenza lanqas ma tikkombaca mal-verzjoni li rrilaxxja Carmel Hartley, stante li dan sostna li kienu marru fejn din l-ATM f'okkazzjoni wahda biss. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dawn iz-zewg imputazzjonijiet lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Dwar **il-hames imputazzjoni,** il-verzjonijiet moghtija mill-imputati, ma jaqblux bejniethom. Entrambi l-imputati wahhlu f'xulxin. In fatti, l-imputat Hartley sostna fl-istqarrija, li kien Portelli li qala' dawn il-pjanci mill-vettura, mentri l-imputat Portelli sostna l-kontra. Il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, dwar min mill-imputati kien seraq dawn il-pjanci ta' registrazzjoni. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta ppruvata.

Dwar is-**sitt imputazzjoni,** din tirrigwarda akkuza li giet misjuqa l-vettura tal-ghamla Suzuki minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta,

hemm stipulat, li jkun prezunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-sehh skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1), ma jgibx prova kuntrarja, billi juri certifikat tal-assigurazzjoni mahrug taht l-Artikolu 4(4).

Ghalhekk fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma ghandha ghalfejn tressaq l-ebda prova, la darba hija xliet lill-imputati b'din l-imputazzjoni. Da parti taghhom, l-ebda wiehed mill-imputati ma ressaq xi prova li kien hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi li kienet tkopri din il-vettura tal-ghamla Suzuki. Ghalhekk, jirrizulta li din l-imputazzjoni tissussisti. Madanakollu, jibqa' l-kwezit dwar min mill-imputati ghandu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Kif già inghadd, din il-Qorti sejra ssib htija fl-imputati biss, ghal dak li jirrigwarda l-attentat ta' serq u ta' hsara volontarja fuq l-ATM li kien hemm fil-*Convenience Shop*, San Pawl il-Bahar. F'dik l-okkazzjoni, il-vettura kienet qed tinstaq minn Carmel Hartley. Dan gie kkonfermat fl-istqarrija rispettiva tal-imputati, kif ukoll jista' jigi kkorraborat mill-filmat ta' CCTV ezebit fl-atti ta' din il-kawza. Ghaldaqstant, huwa Carmel Hartley li ser jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

Dwar is-**seba' imputazzjoni,** l-imputati qed jigu akkuzati li saqu l-vettura tal-ghamla Suzuki minghajr licenzja ta' cirkolazzjoni valida. Fl-ewwel lok, ghandu jigi sottolinjat ghal darb' ohra, li din l-imputazzjoni sejra tigi ezaminata fil-konfront ta' Carmel Hartley biss. Dana peress li kif gie già spjegat, fl-okkazzjoni tal-attentat ta' serq minn fejn il-*Convenience Shop* f' San Pawl il-Bahar, dan il-vann kien qed jinsaq minn Carmel Hartley.

Dwar il-licenzja ta' cirkolazzjoni, il-Qorti tqies li mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta, irrizulta biss li din il-vettura hija rregistrata fuq John Grima, u li din ilha hekk irregistrata sat-12 ta' Frar 2014. Ma gie ndikat bl-ebda mod fix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta, li din il-vettura kienet giet *scrapped,* jew ma kellhiex licenzja ta' cirkolazzjoni valida. Ir-rapprezentant tat-Transport Malta, fl-ebda hin ma xehed li din il-vettura kienet giet skreppjata, jew li din il-vettura ma kinitx qed tithallsilha l-licenzja ta' cirkolazzjoni. Mid-dokument ezebit minnu bhala SC1, jirrizulta li l-licenzja kienet valida sal-31 ta' Marzu 2018. Madanakollu, minn ezami ta' Dok SC1, ipprezentat u kkonfermat bil-gurament tieghu mir-rapprezentant tat-Transport Malta, ma jirrizultax li l-licenzja kienet giet *renewed*.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, din l-imputazzjoni giet ippruvata fir-rigward ta' Carmel Hartley.

Dwar it-**tmien imputazzjoni,** l-imputati gew akkuzati li saqu l-vettura CAB 736, minghajr numri tar-registrazzjoni mwahhla mal-vettura. Mill-filmat jidher, li din il-vettura kienet qed tinstaq minghajr l-ebda numri ta' registrazzjoni mwahhla fuq in-naha ta' wara taghha. Fl-istqarrija rrilaxxjata minn Carmel Hartley, dan ikkonferma li dan il-vann, kien instaq minghajr pjanci ta' registrazzjoni, peress li skont Hartley, Portelli kien wahhal fuq dan il-vann, iz-zewg pjanci tar-registrazzjoni bin-numru TAZ 199, izda huwa kien nehha dawn iz-zewg pjanci sabiex b'hekk, il-vann intuza bla pjanci ta' registrazzjoni.

Ghandu jinghad ukoll li gialadarba din il-Qorti ser issib htija biss fuq l-attentat ta' serq li sehh fuq l-ATM tal-*Convenience Shop* San Pawl il-Bahar, u cioè dak li sehh fid-29 ta' Awwissu 2018, jirrizulta li huwa Carmel Hartley li ghandu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Dana peress li kien huwa li f'dik l-okkazzjoni, kien qed isuq il-vann ahmar tat-tip Suzuki, minghajr pjanci tar-registrazzjoni.

Dwar **id-disa' imputazzjoni,** il-Qorti tqies li l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddelinea r-reat ta' ricettazzjoni, billi jistipola li kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati, l-piena indikata.

Illi l-principji regolaturi in tema ta' ricettazzjoni, huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali (Ref Il-Pulizija vs Darren Debono, deciza 15 ta' Jannar 2009)

> *"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
>
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
>
> *2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"[25.10.2002])*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence"*

*il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold:*

*Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35):*

*"if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn)."*

Jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, biex tipprova l-element ta' xjenza da parti tal-imputati. Mill-istqarrija rispettiva tal-imputati, jirrizulta li dawn il-pjanci ta' registrazzjoni nsterqu minn wiehed mill-imputati, nonostante li l-Prosekuzzjoni ma

rnexxielhiex tressaq dawk il-provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, dwar min mill-imputati kien effettivament seraq dawn il-pjanci ta' registrazzjoni. Dawn il-pjanci ta' registrazzjoni nstabu gewwa l-garaxx li huwa fil-pussess ta' Matthew Portelli. L-imputat Carmel Hartley ma ghandu l-ebda titlu jew pussess fir-rigward ta' dan il-garaxx. In fatti, fl-istqarrija tieghu, Hartley spjega li Portelli kien qed jikri dan il-garaxx, mentri fl-istqarrija tieghu, Portelli kkonferma li l-garaxx huwa fil-pussess tieghu, u li c-cwievet ta' dan il-garaxx jinsabu ghandu, u ghand il-partner tieghu.

Per konsegwenza, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' Matthew Portelli biss, peress li dawn il-pjanci ta' registrazzjoni nstabu fil-garaxx fil-pussess ta' Matthew Portelli, waqt tfittxija li kienet qed issir mill-Ufficjali tal-Pulizija. Issa l-valur ta' dawn il-pjanci ta' registrazzjoni huwa wiehed minimu, li certament fis-savju gudizzju ta' din il-Qorti, ma jeccediex €232.94, u ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9, l-imputat Portelli ser jinstab hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti misruqa, u li gejjin minn serq semplici.

Dwar l-**ghaxar imputazzjoni,** l-imputati gew akkuzat li kisru l-provvedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqhom, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, datata 19 ta' Lulju 2016, liema sentenza saret definittiva, u ma tistax tinbidel. Gie indikat l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hi tal-fehma, li din l-imputazzjoni kif imfassla fic-Citazzjoni, ma gietx ippruvata. In fatti, il-Prosekuzzjoni ma pproducietx fl-atti, kopja awtentikata ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta, datata 19 ta' Lulju 2016. Il-prezentata tal-fedina penali tal-imputati, ma tistax tigi meqjusa bhala sufficjenti sabiex jigi deciz, li din l-imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Dwar il-**hdax-il imputazzjoni**, din il-Qorti tqis li l-imputati qed jigu akkuzati ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mori, gew ipprezentati (i) sentenza tat-12 ta' Dicembru 2007, li nghatat fir-rigward ta' Matthew Portelli u ohrajn, fejn Matthew Portelli nghata sena prigunerija sospiza ghal tliet snin; (ii) sentenza tal-1 ta' Dicembru 2009, fejn Carmel Hartley instab hati u gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin; u (iii) sentenza tat-20 ta' Lulju 2012, fejn Carmel Hartley nstab hati u kkundannat ghal tliet snin prigunerija.

Jidher li fis-sentenzi fuq indikati u ezebiti, jirrizultaw il-konnotati tal-imputati. Irrizulta wkoll li s-sentenzi ezebiti huma vera kopja. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova ohra dwar l-identità tal-persuni li gew ikkundannati fl-imsemmija sentenzi. Lanqas ma tressqu bhala xhieda quddiem din il-Qorti, l-Ufficjali Prosekuturi f'dawk il-proceduri fuq indikati. Per konsegwenza, din il-Qorti lanqas ghandha konferma illi effettivament, il-hatja fl-imsemmija proceduri, huma l-istess persuni li huma imputati fil-procedura odjerna. Din il-Qorti ma tqisx ghalhekk, li saret il-prova tal-identità tal-persuna tal-hatjin fis-sentenzi fuq indikati u moghtija fit-12 ta' Dicembru 2007; fl-1 ta' Dicembru 2009, u fl-20 ta' Lulju 2012.

Fil-kaz in dizamina, ghajr ghal veri kopji tas-sentenzi moghtija fit-12 ta' Dicembru 2007, fl-1 ta' Dicembru 2009, u fl-20 ta' Lulju 2012, u l-fedina penali tal-imputati, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi ohrajn, u fil-fehma tal-Qorti, hija naqset milli tipproduci in atti, prova sufficjenti ta' dan l-addebitu. Kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna in materja tal-addebitu tar-recidiva, il-fedina penali waheda, mhux bizzejjed, u ma tikkostitwixxix l-ahjar prova li l-Prosekuzzjoni hi wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuza tar-recidiva. In fatti, fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Jason James Agius, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Ghaldaqstant, l-imputati ma jistghux jinstabu hatja li huma recidivi, la taht l-Artikolu 49, u lanqas taht l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

Dwar it-**tnax-il imputazzjoni** mressqa fil-konfront ta' Matthew Portelli, din il-Qorti tqies, li ghalkemm giet ipprezentata vera kopja ta' dan id-digriet moghti fil-11 ta' Ottubru 2012, madanakollu, f'dan id-digriet, ma hawn l-ebda konnotati tal-imputat. Lanqas ma ttella' l-Ufficjal Prosekutur relattiv sabiex jaghti prova, dwar l-identità ta' Matthew Portelli. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra wkoll tghaddi biex tiddeciedi, li din l-imputazzjoni ma rrizultatx ippruvata.

**Ikkunsidrat;**

Ghall-fini tal-**piena,** il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedini penali refrattarji tal-imputati. Il-Qorti qieset ukoll dak li rrizulta mix-xhieda tal-*Probation Officers,* li entrambi sostnew li huwa importanti li l-istabbilità li ghandhom prezenzjalment l-imputati, titkompla. Jidher li l-imputati, illum irregistraw progress sostanzjali u kbir. Jirrizulta wkoll li entrambi huma motivati li jibqghu f'din it-triq ta' stabbilità, 'il boghod mill-hajja ta' kriminalità.

Din il-Qorti mhijiex sejra ttellef lill-imputati, mill-opportunità li jkomplu hajjithom fl-istabbilità li rnexxielhom jistabilixxu durante l-pendenza tas-smigh ta' din il-kawza. Minn dan kollu, il-Qorti hi sodisfatta li fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-karattri tal-imputati, is-sorveljanza taghhom minn Ufficjal tal-Probation, hija mixtieqa, fl-interess li tkompli tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess imputati, kif ukoll li jigu prevenuti l-ghemil ta' reati ohra. Ghalhekk tqis li jkun adattat, li l-hatja jitpoggew taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, ghaz-zmien kollu li taghti l-ligi.

Dwar spejjez relatati mal-esperti mahtura in konnessjoni mal-inkjesta magisterjali dwar l-attentat ta' serq fi Triq it-Turisti fejn il-*Convenience shop,* il-Qorti tirrileva li kien hemm €94.90 (SOCO PC 813 u PC 1331); €237.47c (SOCO PS 186 u PC 844); €284.62 (Perit Richard Aquilina), €350.37c (Donald Tabone), u €1,982.40c (Dottor Marisa Cassar).

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza bis-segwenti mod:**

**(i) Tillibera minn kull kundanna u htija lil Matthew Portelli, mit-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitta, is-seba', it-tmienja, l-ghaxar, il-hdax u t-tnax-il imputazzjoni;**

**(ii) Tillibera minn kull kundanna u htija lil Carmel Hartley, mit-tielet, ir-raba', il-hames, id-disa', l-ghaxar u l-hdax-il imputazzjoni;**

**(iii) Wara li rat l-Artikoli 17(b), 17 (d), 17 (h), 31, 41(1)(a), 261(b), 261( c), 261(f), 263(a), 267, 270, 278(1), 278(3), 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2) u 3 (2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Carmel Hartley hati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni, izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-hati Carmel Hartley, taht Ordni ta' Probation għal zmien tliet (3) snin mil-lum, u dan taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation moghtija kontestwalment, u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza, filwaqt li qed tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-istess Carmel Hartley, ghal zmien tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

**(iv) Wara li rat l-Artikoli 17(b), 17 (d), 17 (h), 18, 31, 41(1)(a), 261(b), 261 (c), 261 (f), 263(a), 267, 270, 278(1), 278 (3), 325(1)(b) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Matthew Portelli hati tal-ewwel, it-tieni u d-disa' imputazzjoni, izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoggi lill-hati Matthew Portelli, taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) mil-lum, u dan taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation moghtija kontestwalment, u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza;**

**(v) Wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja Matthew Portelli u Carmel Hartley, jhallsu lil Euronet, is-somma ta' €1,982.08 rapprezentanti hsarat sofferti fl-ATM *machine,* proprjetà tal-istess Euronet, li kienet gewwa Triq it-Turisti, f' San Pawl il-Bahar, Malta;**

**(vi) Wara li rat l-Artikoli 532B u 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja Matthew Portelli u Carmel Hartley, sabiex ihallsu €2,949.76c, rapprezentanti spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri odjerni, inkluzi dawk tal-esperti li**

**gew mahtura fl-istadju tal-prcċess verbal tal-inkjesta magisterjali, stitwita in konnessjoni mal-attentat ta' serq tal-ATM *machine,* sitwata fi Triq it-Turisti, f' San Pawl il-Bahar, Malta.**

**(vii) Wara li rat l-Artikolu 23 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Suzuki, bin-numri tar-registrazzjoni CAB 736.**

**Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem li huma jifhmu, x'ikun l-effett tal-Ordni, u li jekk huma jonqsu milli jikkonformaw rwiehhom maghha, jew jaghmlu xi reat iehor, jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza, kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront tal-hatja, jigu nnotifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**